**John Galea**

**Vs**

**General Gas Ltd**

CCT 106/23/CC

Illum 31 ta' Ottubru 2023

It-Tribunal;

Ra t-Talba tar-rikorrentipprezentata fil-21 ta' Gunju 2023, fejn talab ir-rifuzjoni ta' l-ammont ta' €475 (erba' mija u hamsa u sebghin ewro) rapprezentanti ammont imhallas minnu lis-socjeta intimata ghal friza.

Ra li s-socjeta intimata General Gas Ltd debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ipprezentat risposta relattiva, fejn ikkontestat it-Talba tar-rikorrent.

Il-partijiet entrambi dehru fis-seduta skedata ghal produzzjoni tal-provi.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lir-rikorrenti, u lir-rapprezentant tas-socjeta intimata jixhdu bil-gurament fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2023.

Ikkunsidra

Illi jirrizulta li f'Gunju 2023 r-rikorrenti xtara friza minghand is-socjeta intimata ghal prezz ta' erba' mija u hamsa u sebghin ewro (€475). Gara li wara madwar sena mill-akkwist ta' din il-friza, bdiet tipproduci silg b'mod eccessiv, u r-rikorrent ikkuntatja lis-socjeta intimata, li da parti taghha baghtet persuna teknika sabiex jezamina s-sitwazzjoni li kellha l-friza. Il-friza ttiehdet minghand ir-rikorrenti ghal investigazzjonijiet ulterjuri, u s-socjeta intimata gustament ipprovdiet lir-rikorrent friza ohra sabiex juzaha sakemm il-friza tieghu tkun qed tissewwa. Wara gimgha, r-rikorrenti inghata lura l-friza tieghu tahdem tajjeb.

In segwitu, sitt xhur wara, gara li l-friza regghet zviluppat l-istess problema ta' silg eccessiv, u r-rikorrent ikkuntatja lis-socjeta intimata. Ghal darba ohra, s-socjeta intimata baghtet persuna teknika ghand ir-rikorrenti li nfurmah li kien hemm htiega li jinbidel is-'sensor' fuq il-post, u ghalhekk kien mehtieg li l-friza titbattal mill-ikel. Ir-rikorrenti ghamel arrangament ma' hanut sabiex izommlu l-affarijiet ta' l-ikel sakemm il-friza tigi imsewwija. Wara ftit granet, it-tiswijiet gew konkluzi u l-friza giet tahdem.
Gara li wara tlett xhur, il-friza regghet zviluppat l-istess hsara, u din id-darba ir-rikorrent talab lis-socjeta intimata sabiex jinghata friza gdida.

Da parti taghha, is-socjeta intimata ma accettatx li tibdel il-friza. Is-socjeta intimata tirrikonoxxi li hemm problema relatata ma' 'sensor' li qed tikkawza produzzjoni ta' silg eccessiv fil-friza tar-rikorrenti. Is-socjeta intimata wkoll tiddikjara li ma ghandha l-ebda diffikulta li hija tibdel is-'sensor' bla ebda hlas.

Illi t-Tribunal, wara li sema' l-partijiet jixhdu bil-gurament fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2023, wara li ra d-dokumenti ezebiti mill-partijiet, hu tal-fehma li t-Talba avvanzata mir-rikorrent ghandha timmerita konferma.

Illi t-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jidher car li r-rikorrent irnexxielu jipprova l-istanza tieghu sal-grand rikjest mill-Ligi, u ghalhekk it-Talba avvanzata minnu ghandha tigi milqugha, b'dan li s-socjeta intimata ghandha thallas lir-rikorrenti s-somma ta' erba' mija u hamsa u sebghin ewro (€475), b'dan li l-istess friza mertu ta' dawn il-proceduri ghandha tinghata lis-socjeta intimata.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-Talba mressqa mir-rikorrent, u jordna lis-socjeta intimata thallas lir-rikorrent is-somma ta' erba' mija u hamsa u sebghin ewro (€475), b'dan li l-istess friza mertu ta' dawn il-proceduri ghandha tinghata lis-socjeta intimata.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mis-socjeta intimata.

C. Cherrett

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru